DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2017/1599 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Settembru 2017

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Italja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([2]), u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta minn diżastri naturali.

(2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 500 000 000 (bil-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([3]). L-allokazzjoni kollha tal-2016 baqgħet ma ntefqitx, ġiet riportata għas-sena ta' wara skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 u intużat parzjalment f'April 2017. L-allokazzjoni tal-2017 kienet għadha ma ntużat xejn.

(3) Fis-16 ta' Novembru 2016, l-Italja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara terremot li laqat ir-reġjuni tal-Abruzzo, il-Lazio, il-Marche u l-Umbria fl-24 ta' Awwissu 2016. Aktar terremoti laqtu ż-żoni li diġà kienu milquta u żiedu b'mod sinifikanti l-livell ta' ħsara rrapportat qabel. L-Italja mbagħad ippreżentat l-applikazzjoni finali tagħha fil-15 ta' Frar 2017, flimkien ma' stimi riveduti li jinkludu l-ħsara kollha kkawżata bejn l-24 ta' Awwissu 2016 u t-18 ta' Jannar 2017.

(4) L-applikazzjoni mill-Italja tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

(5) Għalhekk il-Fond jenħtieġ li jiġi mobilizzat biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Italja.

(6) Peress li l-ammont li jista' jiġi mobilizzat għall-2017 mhux suffiċjenti biex ikopri l-kontribuzzjoni kollha, id-differenza jenħtieġ li b'mod eċċezzjonali tiġi ffinanzjata permezz tal-ammont annwali disponibbli għall-2018 kif previs fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.

(7) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin li jieħu l-Fond biex jiġi mobilizzat, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2017, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 196 797 579 lill-Italja, f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
([2]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mit-13 ta' Settembru 2017.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Settembru 2017.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
A. TAJANI	M. MAASIKAS